# IL-PITTUR ENRICO CASOLANI (1817 - 1885) U L-KWADRU TAL-MADONNA TAD-DUTTRINA FIL-FLORIANA



**minn JOSEPH R. GATT**

Jixraq li dawk in-nies li jħobbu jżuru l-knisja Arċipretali ta' San Publju, Floriana, fil-jiem tal-festa jagħtu titwila wkoll lis-sagristija. Hawn jaraw għadd ta' kwadri (uħud minnhom qodma) ta' qaddisin, prelati għolja tal-knisja, ta' kappillani u wħud mill-Arċiprieti li mexxew din il-parroċċa matul il-156 sena li ilha mwaqqfa.

Fost dawn il-kwadri naraw wieħed li jirrappreżenta lill-Madonna tad-Duttrina.

## DUTTRINA

Achille Ferris (1838-1907) fil-ktieb tiegħu "Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo" Malta 1866, meta jitkellem dwar il-Floriana jgħid" ....il quadro della B.V. della Dutrina è di Enrico Casolani, e fù eseguito a Roma, sotto la direzzione di Overback". Fi ftit kliem jgħid li dan il-kwadru pittru Enrico Casolani taħt id-direzzjoni ta' Overbeck, f'Ruma, meta kien qed jistudja l-arti bejn is-snin 1838-1847. Jidher li tpitter ftit snin wara t-twaqqif tal-kongregazzjoni tad-Duttrina Kristjana fl-1833, fil-knisja tal-Floriana mill-Viċi Parrokku Dun Ġużepp Ellul. Aktarx li tpitter qabel ma l-Floriana saret Parroċċa fl-1844.

## IL-KWADRU TAD-DUTTRINA



Il-kwadru jurina lill-Madonna bil-qiegħda fuq tron, bil-Bambin fuq ħoġorha, b'idu l-leminija merfugħa u l-oħra mserrħa fuq il-ktieb miftuħ li qed iżżomm il-Madonna. Għandu kompożizzjoni tajba b'kuluri sbieħ; impitter fi stil "Nazzaren" stil li kien influwenza ħafna lil Casolani bis-saħħa ta' Ġużeppi Hyzler (1793-1858) kif ukoll wisq aktar minn Overbeck.

Il-kwadru hu għoli 114cm u wiesa' 79cm. La l-istoriku P.P. Castagna (1827 - 1907) li jsemmi biss żewġ xogħlijiet tiegħu f'Malta (il-Madonna tad-Duttrina u s-Salvatur fil-Ħabs ta' Kordin) u lanqas A. Ferris ma jgħidu meta sar, min ħallas għalih jew ikkommissjonah.

## MIN KIEN CASOLANI

Enrico Casolani twieled il-Belt nhar it-Tnejn it-12 ta' Ottubru 1817 miż-żwieġ ta' Vincenzo (1785-1855) ma' Antonia bint Joachino Mamo u Margherita Cachia. Il-familja Casolani taf l-oriġini tagħha f'Malta minn Siena sa minn żmien il-Gran Mastru E. De Rohan (1775-1797). Missieru kien persunaġġ erudit ħafna u kien jokkupa pożizzjoni għolja mal-Gvern Kolonjali f'Malta. Vincenzo, aktar tard Sir Vincent, kien onorat bil-G.C.M.G. (Grand Cross of the Order of St. Michael and St. George) mill-Awtoritajiet Ingliżi.

Enrico kellu ħutu oħra akbar minnu fosthom lil Annetto (1815-1866) li kien Isqof titulari ta' Mauricastro u Vigarju Appostoliku fl-Afrika Ċentrali (1846). Kien ukoll rappreżentant tal-Maltin fl-ewwel Kunsill tal-Gvern 1849. Bħal Ġian Nicola, ħuh ieħor akbar minnu, Enrico ggradwa fil-Liġi mill-Università ta' Malta fl-1836c.

Sa minn ċkunitu wera ġibda kbira lejn id-disinn u l-pittura. Missieru ma tantx qagħad jaħsibha biex jibagħtu Ruma ħalli jistudja u jħarreġ it-talent tiegħu mal-magħruf Joahann Frederick Overbeck (1789-1869), artist "Nazzaren" Ġermaniż. Castagna jgħidilna li Casolani kien alliev tal-pittur Ġużeppi Hyzler qabel ma mar ma' Overbeck. Ma' dan l-artist tħarreġ f'diversi oqsma ta' l-arti u speċjalizza wkoll is-sengħa ta' l- "istained glass" li wara sar magħruf sew bix-xogħol li wettaq f'din il-linja. F'Ruma għamel bosta ħbieb ta' isem, fosthom il-pittur Franz Ittenbach li b'xorti tajba pitter ritratt ta' Enrico Casolani fl-1841.

## CASOLANI FL-INGILTERRA

Minn Ruma mar Londra u baqa' jgħix hemm. Bis-saħħa ta' missieru ġie introdott ma' l-aqwa persunaġġi influenti Ingliżi, fosthom id-Duka ta' Norfolk u l-Earl ta' Shrewsbury. Biċ-ċertifikati li kiseb minn għand Overbeck, Henry (Enrico) beda jikseb kummissjonijiet li bihom qabad il-karriera tiegħu fl-Ingilterra mad-Ditta Cox & Son. Din kienet taħdem twieqi ta' l- "istained glass" għall-knejjes. Meta din għalqet Casolani ħadem mad-Ditta ta' Pilkington u wara ma' Willian Gardener, imma xorta waħda baqa' jaċċetta kummissjonijiet minn għand arkitetti oħra.

Wieħed mill-aqwa disinni tiegħu hu "Il-Priedka ta' Ġesù fuq il-Muntanja" maħdum fi tliet twieqi kbar. Xogħlijiet oħra ħadimhom għall-knisja tas-Salib Imqaddes f'St. Helens Lanchasire u tnejn oħra f'Stonyhurst College. Kien ingħata medalja tad-deheb għax-xogħol tiegħu "Mosè mtella' fis-sema mill-anġli" f'esebizzjoni ta' l-Arti li kienet saret f'Pariġi. Ma' dawn għandu bosta xogħlijiet fi knejjes oħra (Preston, Ashton under Lyne, Glasgow)

Mill-Ingilterra reġa' mar bosta drabi l-Italja biex kompla l-istudji tiegħu. Żar Firenze, Siena, Perugia, Assisi u wkoll Ruma.

Casolani ġabar xi disinni u studji tiegħu fi ktieb "Libro dei Lucidi" li kien imfittex ħafna minn sħabu u dawk li fittxew l-għajnuna tiegħu. B'xorti tajba fil-Librerija Nazzjonali tagħna nsibu tliet manuskritti Numri 1478, 1479 u 1480, bi studji tiegħu; fosthom hemm kopji ta' Overbeck u oħrajn.

Fl-1859 iżżewweġ lil Mary Johnson f'St. Helens, Lanchashire u hemm waqqaf il-familja tiegħu. Nafu li kellu żewġt it-tfal, tifel u tifla - Vincent u Edith. Tilef lil martu ta' 30 sena waqt li hu miet ta' 68 sena, nhar 29 ta' Diċembru 1885, f'Wimbeldon. Bintu Edith, f'tifkiritha dwaru fost ħwejjeġ oħra tgħid li għal bosta snin kien "missier u omm" iddedikat ħafna għalihom; kien jitkellem il-Ġermaniż, il-Franċiż, it-Taljan, kif ukoll il-Latin, l-Ingliż u naturalment il-Malti. Kien fil-veru sens tal-kelma artist ta' ġieħ u ddedikat fix-xogħol tiegħu.

## IL-KONGREGAZZJONI TAD-DUTTRINA FIL-FLORIANA

Kif ġa semmejna, il-Kongregazzjoni tad-Duttrina twaqqfet fil-Viċi-parroċċa tal-Floriana fl-1833, fi żmien il-viċi-Kappillan Dun Ġużepp Ellul. Jidher li t-tagħlim tad-duttrina, għal xi żmien kien isir fil-knisja ta' Sarria. A (Ninu) Cremona (1880-1972) fil-ktiebt tiegħu "Il-Knisja ta' Sarria" 1968, jgħidilna li Dun Ġwann Zarb (1841c-1924) li kien rettur ta' din il-knisja mill-bidu tas-seklu Għoxrin sa kemm il-knisja għaddiet f'idejn il-Ġiżwiti fl-1924, kien ".... jogħbor it-tfal fil-knisja ta' Sarria għat-tagħlim tal-katekiżmu u għat-tħejjija tal-Griżma u ta' l-Ewwel Tqarbina: istituzzjoni li tagħha għandna xhieda sabiħa f'bandalora bil-Madonna tad-Dutrina....." Kien pittirha l-pittur Ġużeppi Calì (1846-1930) u kienet tinżam fis-sagristija. Fiha tidher ix-xbieha tal-Madonna wieqfa bil-Bambin fuq driegħha b'żewġ abbatini (kif kienu jilbsu t-tfal tad-Duttrina) flimkien ma' tlett it-tfal oħra għarkobbtejhom.



DUTTRINA

Meta din il-kongregazzjoni għaddiet fil-knisja ta' San Publju l-bandalora baqgħet f'Sarria għax kif jgħidilna l-istess Cremona, ir-rettur Patri Ġuż Meilak "ġieh id-dehen li jżommha fil-knisja ta' Sarria bħala tifkira ta' dik l-istituzzjoni li nibtet f'dik il-knisja". Snin wara ttieħdet fil-knisja parrokkjali. Minn ftit tas-snin 'il hawn bdiet tinħareġ fil-knisja fil-jiem tal-festa ta' San Publju flimkien mal-bandalori l-oħra ta' "Le Figlie di Maria"; ta' "ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla"; ta' "San Filippu Neri" u tal-Fratellanza ta' San Publju.


Le Figlie di Maria

Ta' min jgħid li l-kongregazzjoni ta' "Le Figlie di Maria" kienet twaqqfet fl-1878. Il-bandalora tagħha turi l-Kunċizzjoni b'żewġt it-tfal bniet bl'ilbies ta' l-Ewwel Tqarbina. Fl-1926 twaqqaf "Oratorju Istruttiv" għat-tfal subien li kull nhar ta' Ħadd kien jingħatalhom tagħlim fl-Oratorju ta' San Publju.
It-tagħlim tad-Duttrina kien isir ukoll fl-Oratorju tan-Nazzarenu.


San Filippu Neri


Xirka


San Publju

## TAGĦLIM TAD-DUTTRINA

Fil-ħajja ta' kull parroċċa t-tagħlim tad-dutrina lit-tfal huwa meħtieġ u importanti. Għalhekk il-kappillani dejjem talbu biex iwaqqfu Istituti ta' dan it-tagħlim u talbu lill-Isqof biex jitwaqqfu kanonikament taħt it-Titlu tal-Madonna tad-Duttrina. Minn xi wħud minn dawn l-Istituti u Kongregazzjonijiet ħarġu fratellanzi wkoll, bħal dawk f'B'Kara u Ħal Tarxien li għandhom statwa wkoll. Dik ta' Ħal Tarxien għadha tagħmel il-festa tagħha, fil-knisja u barra.
Fil-Ħdud u l-festi kmandati fil-għodu kienet tiġi ċċelebrata quddiesa għat-tfal. Kien jingħad ir-Rużarju u xi talb ieħor u spjega ta' l-Evanġelju. It-tagħlim kien isir matul il-ġimgħa. U naturalment kienet issir il-festa u purċissjoni kull sena.
Illum it-tħejjija għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof qed isisr mill-Katekisti tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. imwaqqfa minn Dun Ġorġ Preca (illum Venerabbli) b'dan il-għan speċifiku. L-Isqof Mauro Caruana (1867-1943) waqqafha kanonikament fl-1932 imma taf il-bidu tagħha sa mis-sena 1907. L-oqsma tal-Floriana twaqqfu fi żmien l-Arċipriet Francesco Mallia (1866-1938); tas-Subien fl-1911 bl-ewwel dar tagħhom (Qasam Nr. 11) fi Strada Nuova Nr 3 (illum Triq Antonio Agius). Tal-Bniet aktar wara.